MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 1052/2010

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elfejn, tliet mija, disgha w ghoxrin ewro w tmienja u tlettin centezmu (€2,329.38) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici skont diversi kontijiet mibghutin lis-socjeta` konvenuta rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluzi tal-ittra ufficjali tat-2 ta’ Dicembru, 2009 dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ dana l-att, u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li s-socjeta` konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tat-18 ta' Ottubru, 2010 mill-Avukat Dr.Cynthia van der Weerden u l-fatt li s-socjta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li s-socjeta konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------